MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2007

Citazzjoni Numru. 976/2001/1

**JP Baldacchino & Co Limited**

**vs**

**Integrated Business Systems Limited**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-**att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet illi:

1. Premess illi s-socjeta' attrici nkarigat lis-socjeta' konvenuta sabiex tikteb u tirredigi programm ta' '*computer*

*software'* skond ir-rekwiziti, bzonnijiet, u specifikazzjonijiet rikjesti mis-socjeta' attrici; illi dan l-inkarigu gie accettat u konfermat permezz ta' ittra datata l-1 ta' Gunju 1999 miktuba mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici u accettat mis-socjeta' attrici Dok 'A'; is-socjeta' konvenuta obbligat ruhha inter alia illi taghmel *transfer* ta' l-informazzjoni fil-*format* u programm li kienet allura tuza s-socjeta' attrici ghall-programm il-gdid; illi s-socjeta' attrici hallset akkont is-somma ta' elf erba' mija u tmintax-il-Lira Maltin (Lm1,418);

2. Premess illi kif ser jirrizulta fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza, is-socjeta' konvenuta ma adempitx l-obbligi taghha kif pattwit u b'mod komplet taghha; dan fis-sens illi diversi funzjonijiet li kienu pattwiti fil-fatt ma gewx inkorporati nkluz it-trasferiment ta' l-informazzjoni kif fuq spjegat u is-*software* ma iffunzjonax b'mod sodisfacenti; noltre l-inadempjenza kontrattwali taghha kkawzat id-danni lis-socjeta' attrici mhux biss f'termini ta' hin u efficjenza izda ghaliex din kellha tinkorri spejjez ohra direttament sabiex tikkommissjona lil terzi;

Tghid ghalhekk is-socjeta' konvenuta ghaliex m'ghandiex din il-Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta' konvenuta ma adempitx ghar-ragunijiet fuq esposti l-obbligi kontrattwali taghha fit-termini tal-ftehim bejn il-partijiet;

2. tirrexindi ghar-ragunijiet suesposti l-kuntratt bejn il-partijiet;

3. tikkundanna ghar-ragunijiet fuq esposti, lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' Lm1,418 li thallas bhala akkonti;

4. tiddikkjara u tiddeciedi illi ghar-ragunijiet fuq esposti, s-socjeta' konvenuta ikkawzat danni lis-socjeta' attrici;

5. tillikwida d-danni kkawzati mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici;

6. tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas is-somma hekk likwidata;

Bl-imghax minn notifika ta’ din ic-citazzjoni u bl-ispejjez;

Il-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici a fol. 3 tal-process.

Rat in-**nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuti** a fol. 8 tal-process fejn eccepew:

Illi t-talbiet ta’ l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenuti ghamlu dak kollu li obbligaw ruhhom illi jaghmlu u dan skond l-arti u s-sengha u kien l-agir ta’ l-atturi illi se mai gab is-*software* de quo fis-sitwazzjoni li qieghdin jillamentaw minnu l-istess atturi, kif jigi muri waqt is-smigh.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet taghha li bih gie nominat l-espert tekniku Martin Bajada;

Rat ir-relazzjoni tal-perit nominat a fol. 66 et seq;

Semghet lill espert in eskussjoni;

Rat in-noti tal-partijiet;

**KONTESTAZZJONI**

Fil-kaz in ezami l-espert nominat minn dina l-Qorti ghamel ezami dwar il-funzjonablita’ tal-programm Ratio 2000 installat mis-socjeta’ konvenuta fuq is-sistema tas-socjeta’ attrici.

L-atturi xehdu li kienu rriskontraw diversi problemi meta l-konvenuti nstallaw il-programm in kwistjoni u kull darba li

nfurmaw lill konvenuti bil-problema dawn kienu jaghmlu l-aggustamenti necessarji fil-programm izda kienu jsolvu problema u jikkrejaw ohra. Huma lanqas kienu ssuperaw l-*invoicing stage* u allura lanqas biss ittestjaw is-sistema. Il-konvenuti ma rnexxilhomx jaghmlu t-trasferiment ta' l-informazzjoni (bilanc tal-kredituri, debituri u valur ta' l-istock) mis-sistema antika ghal dika gdida billi dina ma saritx sewwa. Inotlre lill konvenuti kien telqilhom il-*programmer* u ghalhekk l-atturi ma baqghux jiehdu l-*backup* li kien hemm bzonn.

Il-konvenuti jghidu li kull meta gew notifikati b'xi problema waqt il-perjodu ta' *programming* dejjem attendew ghal problema ndikata u taw soluzzjoni. Huma pero' ma nghatawx l-ispazju biex isiru l-alterazzjonijiet u l-addizzjonijiet mitluba mill-atturi. Huma kienu ghamlu *accounting package* oltre xi *customization* li talbuhom l-atturi. Kien hemm ukoll xi tibdiliet ohra li ma kienux stipulati fil-kuntratt pero' li kienu accettaw li jaghmluhom biex is-sistema tkun tista' tahdem. Il-versjoni Ratio 2000 kienet *tested* u ccertifikata li tahdem waqt li l-programm Ratio 2000 *plus customization* ta' l-atturi kien ghadu *work in progress*. Il-customization origina l-aktar mis-sales *ordering, purchase order* process, u mill-*invoicing*. Imma billi s-sistema kienet wahda integrata, kif tmiss parti kont tolqot parti ohra. Dawn kienu *variations* u addenda imma mhux *errors.*

**Relazzjoni Martin Bajjada.**

Fir-relazzjoni tieghu l-espert nominat mill-Qorti jghid li dwar il-

<u>Funzjonabilita' tal-programm Ratio 200</u>

Il-kopja tal-programm Ratio 2000 bhala *accounting package* fuq is-sistema ta' l-atturi u l-kopja provduta mill-konvenuti huma identici salv ghad-data u modifiki li saru ghal bzonnijiet ta' l-atturi.

Fuq dan il-programm l-espert ma sab l-ebda difett li b'xi mod setgha jeffettwa l-funzjonalita' tal-*core accounting modules*.

In kwantu ghall *bespoke modules* l-espert sab li hemm numru ta' problemi li jaffettwaw il-funzjonalita' tal-programm. L-espert innota li dan il-programm ma hux l-prodott finali u b'aktar *programming* u *testing* il-prodott jista' jkun dak finali u dak kontrattat bejn il-partijiet.

Inkwantu ghat-*transfer* tad-data mill-programm il-qadim ghal dak gdid hemm diversi soluzzjonijiet. Ghalkemm intuzaw l-istandards normalment uzati f'kazi bhal dawn irrizultaw diversi problemi liema problemi setghu jigu evitati u possibilment aggustati permess ta' diversi interventi manuali u ohrajn bl-uzu ta' *filtering*. Sussegwentement dan it-trasferiment sar bejn il-programm qadim u l-iehor gdid minn haddiehor (Intercomp).

<u>Sitwazzjonijiet esterni</u>

Il-funzjonalita' tal-programm Ratio 2000 gie effettwat minn sitwazzjonijiet esterni ghal program innifsu.

1. Il-modifikazzjonijiet mitluba mill-atturi kienu se jiehdu aktar minn tlett gimghat.
2. Inqalghu diversi problemi mhux previsti meta bdew jigu attwati dawn il-modifikazzjonijiet.
3. L-attur beda jitlob aktar funzjonalita' minn dawk miftiehema u jidhol aktar fid-dettal.
4. Il-*programmer* assenjat spicca mill impieg minn mal-konvenut u certi modifiki kienu jafhom hu biss.
5. Il-prezz finali kien se jkun aktar milli miftiehem minhabba f'hekk.
6. Kienu l-modifiki fl-*invoicing module* li affettwaw il-funzjonalita' tal-programm.

<u>Dwar l-isfida tas-sena 2000, l</u>-espert jghid li dan ma kienitx effettwa l-funzjonalita' tal-programm antik. Fil-fatt l-atturi baqghu jahdmu bil-programm antik wara s-sena 2000.

Il-Perit ghalhekk ikkonkluda li

1. Fiz-zmien assenjat ta’ tlett gimghat il-funzjonalita’ tal-programm ma setghax jigi attwat minhabba problemi ancillari li zviluppaw.
2. Certi sitwazzjonijiet ma setghux jigu previsti minn l-ebda parti pero’ dawn setghu jigu sorvolati b’rieda tajba miz-zewg nahiet.

Fuq eskuzzjoni l-espert wiegeb li

Dwar it-trasferiment tad-data jirrizulta li kien hemm problema u dina setghet tigi sorvolata izda l-konvenuti forsi ma kellhomx in-*knowhow* kif jaghlquha. Il-fini tan-negozju ta’ l-atturi kien forsi aktar kompless, aktar *demanding*, u kien jehtieg aktar *programming* li ma kienx ghadu sar mill IBS. Il-*core module* ta’ l-*invoice* kien ghadu baziku wisq ghal bzonnijiet ta’ l-atturi.

**Konsiderazzjonijiet**

L-istitut tal-prova permezz ta’ perizija huwa intiz sabiex l-Qorti tkun tista’ tistabilixxi fatti rilevanti ghall-mertu ta’ kawza illi jkunu ta’ natura tali illi jirrikjedu tahrig jew taghlim specjali jew specjalizzat appuntu sabiex jigu determinati.

Opinjoni teknika, bhal kull prova, sakemm ma tigix skossa minn prova ohra kuntrarja, attendibbili u kredibbili, tifforma l-bazi tal-gudizzju tal-Qorti. Il-Qorti ghandha mano libera li taccetta jew tirrifjuta opinjoni teknika lilha sottomessa mill-perit tekniku. Bhal kull prova ohra tista’ tigi skartata mill-Qorti. Dan pero’ mhux leggerment jew kapriccjosament imma biss jekk tirrizulta raguni valida fl-atti. Kien ghalhekk ukoll li l-ligi tipprovvdi ghan-nomina ta’ periti addizzjonali biex ikun hemm mezz ta’ verifika ta’ l-opinjoni teknika li l-ewwel perit ikun issottometta. (Ara Sentenza App **Camilleri vs Debattista** 9/2/2001 u sentenza Appell **Ivan Borg pro et noe vs George Aquilina**, 19 ta’ Ottubru, 2005; **Carmel Sciortino vs Helen Camilleri et** Appell deciz fil-31 ta’ Lulju, 1996 u **Veronica Camilleri vs**

**Joseph Thorne et** Civil Inferjuri deciza fit-2 ta' Dicembru, 2002).

Fil-kaz in ezami jirrizulta li

Il-programm Ratio 2000 per se ma kienx fih l-ebda difett li b'xi mod setgha jaffettwa l-funzjonalita' tieghu. Izda minhabba xi l-*customization* u l-modifikazzjonijiet li talbu l-atturi, l-implementazzjoni kienet se tiehu aktar fit-tul. Minhabba f'hekk ukoll inqalghu diversi problemi mhux previsti biex setghu jigu attwati dawn il-modifikazzjonijiet. L-atturi bdew jitlobu aktar funzjonalita' minn dak li kien gie kkuntrattat u dahlu f'aktar dettalji. Dan ghalhekk gab ukoll li l-prezz finali kien se jkun aktar milli miftiehem. Fil-fatt Tim Camilleri jghid li huma hadmu hafna *extra hours* u qed jippretendu l-kumplament tal-hlas dovut.

Min naha l-ohra jirrizulta li l-konvenuti ma kienux f'posizzjoni li jaghmlu certi *customization* li talbuhom l-atturi, bhal ma hu t-trasferiment ta' data mis-sistema antika ghal dika gdida minhabba *know how* u ghax il-programm kien ghadu baziku wisq ghal bzonnijiet ta' l-atturi, ghalkemm il-perit josserva li dawn il-problemi setghu jigu sorvolati b'rieda tajba miz-zewg nahiet u b'aktar *programming* u *testing*. Inoltre f'nofs dan il-kuntratt il-*programmer* assenjat spicca mill-impieg minn mal-konvenut u certi modifiki kien jafhom hu biss u ghalhekk l-atturi ma setghux jiehdu l-*back up* li kellhom bzonn.

Il-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz in ezami z-zewg partijiet kkontribwew ghall posizzjoni ta' *impasse* li waslu fih. Jigi notat inoltre li s-sistema installata ghand l-atturi baqghet ghandhom u meta l-atturi saru jafu bid-difetti fis-sistema li kienu determinanti ghar-rexxissjoni tal-bejgh huma xorta wahda baqghu jaghmlu uzu mis-sistema u b'hekk baqghu jesegwixxu u jusufruwixxu mill-kuntratt li huwa qed jitlob li jigi rexiss. Huma la rritornaw is-sistema u lanqas ddepositawha. Minflok qabbdu lill haddiehor jahdmilhom fuq is-sistema li nzerta kien l-istess *provider* tas-sistema antika li kellhom l-atturi.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-atturi ma rnexxilhomx jippruvaw it-talba taghhom u konsegwentement l-ewwel tlett talbiet ma jistghux jigu milqugha.

Kwantu ghat-talbiet l-ohra l-atturi bl-ebda mod ma ppruvaw li huma sofrew xi danni, apparti li f'dan il-kaz jista' jinghad li z-zewg partijiet kienu wasslu ghas-sitwazzjoni li l-partijiet gew fiha.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tichad it-talbiet ta' l-atturi
Izda fic-cirkostanzi kull parti ghandha tehel l-ispejjez taghha.
U d-drittijiet u spejjez tal-perit tekniku ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------